# IL-KONNESSJONI DUMNIKANA TAS-SURMAST TAL-BANDA INDRI BORG

**kitba ta' Victor Scerri**

Kemm il-darba smajna bil- "Banda ta' Indri". Aktarx illi smajniha b'mod dispreġjattiv. Jew ejja ngħidha, b'mod ironiku, aktar milli b'sens ta' qima lejn surmast tal-banda kbir u ta' ġieħ. Illum nixtieq nintroduċilkom lil Mastru Indri Borg. Dan ir-raġel kien ġenju mhux biss għax kiteb valzi, marċi, partituri u kien jgħallem il-mużika u jħarreġ l-allievi. Imma minkejja li dan kien jagħmlu b'aġilità ta' l-għaġeb, Indri Borg kien għama. Kien dan Indri Borg li waqqaf l-ewwel banda f'Malta li hemm min jgħid li hi d-De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ u hemm min jgħid li kienet l'Isle Adam tar-Rabat, it-tnejn ta' Malta. Hu x'inhu, Indri kien ġenju tabilħaqq.



MAESTRO INDRI BORG

### Ftit tagħrif dwar ħajtu

Maestro Indri Borg twieled ġewwa l-Belt Valletta, fin-naħiet tal-parroċċa dumnikana tal-Portu Salvu fis-7 ta' Jannar tas-sena 1818. Ta' sentejn, b'diżgrazzja huwa tilef id-dawl t'għajnejh. Baqa' għama għomru kollu. Madankollu, din id-diżgrazzja ma tħallietx taffetwa l-ħajja ta' dan it-tifel li kiber f'żagħżugħ mill-aktar intelliġenti u b'inklinazzjoni ġenjuża għall-mużika. Sa' minn età żgħira ħafna, missieru Salvatore u ommu Antonia intebħu li kellu kemm moħħu tajjeb kif ukoll distinżjoni tal-ħsejjes ta' bosta strumenti tal-mużika ta' żmienu. Għalhekk il-ġenituri tiegħu bagħtuh jistudja l-mużika għand wieħed mill-aktar surmastrjiet tal-mużika magħrufin fil-Belt Valletta, is-Surmast Rull, li kien saħansitra Maestro di Cappella tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

### Apprezzament mill-Maestro

Maestro Rull ma damx daqstant biex jintebaħ b'ħiliet iċ-ċkejken Indri u bl-imħabba bla tarf tiegħu lejn il-mużika u, b'kif ukoll kien iseħħlu jżomm in-noti f'moħħu mingħajr ma ' jaqrahom (għax naturalment in-nuqqas ta' dawl ghajenjh ma setax jippermettilu li jaqrahom), kif ukoll bil-ħeġġa u l-ferħ ta' dak il-ħin, li kien juri waqt il-lezzjonijiet. Għall-ewwel Meastro Rull, beda jgħallem lil Indri Borg, il-flejguta, imbagħad il-klarinett. Il-klarinett kien l-istrument mużikali l-iktar maħbub miċ-ċkejken Indri. Wara huwa tgħallem idoqq ukoll il-kitarra. Imma l-klarinett baqa' jdoqqu kif ukoll jgħallmu saħansitra wara li stabilixxa ruħu bħala Surmast ewlieni tal-Banda.

### Trattat tal-Mużika

Mingħajr qatt ma ra partitura, Indri Borg kiteb trattat tal-mużika. Dan għamlu għax moħħu ma kienx imxerred u kien jassorbi malajr. Kollox kien jara b'moħħu mhux b'għajnejh. F'għajnejh kellu nieqes id-dawl imma f'moħħu kellu biżżejjed dawl w intelliġenza. Dan it-trattat kien ir-riżultat ta' kif seħħlu jgħallem u jiddetta l-mużika lill-



PARROĊĊA TA' S. MARIJA TAL-PORTU SALVU U SAN DUMINKU - VALLETTA
*Parish of Our Lady of Porto Salvo and Saint Dominic-Valletta*

Skond ir-Reġistru tal-Magħmudijiet miżmum fil-Parroċċa ta' S. Marija tal-Portu Salvu u San Duminku
*According to the Register of Baptisms kept in the Parish Church of Our Lady of Porto Salvo and Saint Dominic*

Andreas

Iben/bint
Son/daughter of. Salvatore Borg et Antonia nee Bonello
twieled nhar
was born on the 7th January 1818
u tgħammed nhar
and was baptized on the 8th January 1818

Valletta 26th June 2003

Kappillan
Parish Priest

Uffiċċju Parrokkjali, Triq San Duminku, Valletta VLT 02; *Parish Office, St Dominic's Parish Church, Valletta, VLT 02*
Tel: 21247535; 21255589; 21234079; Fax: 21.24.82.53

**IĊ-ĊERTIFIKAT TAT-TWELID TA' INDRI BORG**

ħaddieħor. F'dan il-famuż trattat, Indri Borg ifisser bil-Malti l-armonija, il-partituri u l-kontrappunt. Skond G. Faurè fil-pubblikazzjoni tiegħu "Storja ta' Malta u Għawdex" - ir-raba' volum u sewwasew f'paġna 1165, Indri għamel addattament ta' trattat miktub fl-1855 minn letterat u mużiċist ewlieni.

## Arranġamenti Mużikali

Maestro Indri Borg, issa surmast mużikali ta' fama, adult b'ġenju rikonoxxut, kiteb jew għamel tiġdid mużikali ta' Polki, Valzi, Kwadrilji, Marċijiet kemm brijużi kif ukoll sitt marċijiet funebri, Sonati, Innijiet bosta minnhom kantati mit-tfal "a piena banda" eċċetra. Dan juri fih bniedem bi kwalitajiet kuraġġużi u ambizzjużi fis-sens it-tajjeb tal-kelma u t-tifsira tagħha, għaliex minflok qagħad f'rokna jisħet xortih jew jittallab il-karità, ta kontribut enormi lill-qasam tal-mużika b'mod mill-aktar professjonali. Mhux ta' b'xejn li l-istorja tal-mużika ta' pajjiżna tfakkru bħala l-prekursur tal-baned Maltin u Għawdxin. Kien verament surmast tal-banda mustaċċun u mhux imkabbar. F'sena waħda l-1860 huwa kien surmst ta' tlett baned differenti, il-Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, (Malta, aktarx l-ewwel banda f'pajjiżna, il-Banda De Rohan ukoll ta' Ħaż-Żebbuġ (Malta) u tal-Banda l'Isle Adam tar-Rabat (Malta wkoll).

## Indri Borg u l-konnessjoni Dumnikana

Issa wara li tajna titwila ridotta ta' ħajjet Indri Borg li minn ismu tnisslet l-espressjoni "Il-banda ta' Indri", nistgħu nibdew niftħu bis-serjetà fuq il-konnessjoni ta' Indri u l-parroċċa dumnikana tal-Portu Salvu tal-Belt Valletta. Fost l-innijiet li kiteb Indri Borg hemm l-ewwel wieħed li huwa iddedikah lil San Duminku. Dan l-Innu kien indaqq u kien tkanta mit-tfal nhar il-festa tal-Qaddis tas-sena 1860 fil-Belt Valletta stess. Biex l-ewwel innu tiegħu Indri offrieħ lill-Qaddis Spanjol ta' Gużman bilfors li kellu inklinazzjoni qawwija favur il-festa għażiża, popolari u antika tal-Patrijarka San Duminku.

## Twieled ukoll fil-parroċċa

Ta' min wieħed jgħid ukoll li Indri Borg mhux biss twieled il-Belt Valletta imma twieled appuntu fi ħdan din il-parroċċa dumnikana tal-Portu Salvu u kien f'din il-knisja waħdanija ta' din il-parroċċa li xarrbulu rasu fil-magħmudija. Għaldaqstant, fost nies oħra ta' ġieħ, li indubbjament, din il-parroċċa tagħna għandha bi kburija tiftakar u għadha tgħożż u tfakkar, jidħol ukoll Indri Borg, fuq kriterju tiegħu biss. Il-parroċċa dumnikana tal-Portu Salvu tiftaħar li Indri Borg, ir-raħħal għama li kien ġenju mużikali, beka l-ewwel bikja tiegħu bħala tarbija fi ħdanha u fi ħdanha wkoll sar membru tal-familja numeruża kattolika permezz tal-Magħmudija.



Die 8 Januarii 1818.

Borg

Ego Pr. Salvator Depattista Lec. bapt. inf. natum heri ex
2. Salvatore Borg, et Antonia Bonello conj. de nostra Par. cui nom.
impos. f. Andreas, Rosarius, Salvator, Dominicus. Patrini fuere
Lucretius Zammit et Gratia Causar

### Sewwa l-Orgni tal-Knisja ta' San Duminku tal-Belt

Is-surmast mużikali Indri Borg ma kien jaqta' qalbu minn xejn. Mhux biss tgħallem idoqq l-Orgni imma wkoll kien jaf jagħmel xi tiswijiet fuqhom. Fost xogħol ieħor f'parroċċi oħra f'Malta, huwa sewwa l-Orgni tal-Knisja ta' San Duminku tal-Belt. Nistgħu ngħidu, li mhux biss kien jifhem fil-mużika, imma kien jfhem in fondo. Naħseb li kien għall-qalbu qatigħ isewwi Orgni fi Knisja li tagħmel il-parroċċa ta' twelidu u minn fejn huwa tgħammed u liema Knisja kien ukoll jiffrekwenta. Imma aktar minn dan l-importanti huwa l-kapaċità li kellu dan il-bniedem fil-qasam li, nistgħu ngħidu għalih, iddedika ħajtu kollha.

### Ibnu konness mal-Banda King's Own

Fl-1848, Indri żżewweġ lil Marianna xebba Ebejer. Huma kellhom tifel wieħed Ġużeppi. Meta tfarfar dan tħarreġ sew fil-mużika. Filwaqt li missieru Indri kien jikteb fuq lavanja li kellha il-Pentagramma, ir-rig mużikali bil-hames linji, mqabbżin biex huwa jkun jista' jħosshom b'subgħajh, ibnu kien iħażżeż fuq il-karta l-melodija mużikali miktuba minn missieru fuq il-lavanja speċjali. Ġużeppi, iben Indri, waqqaf fil-Belt fl-1874 il-Banda "La Vincitrice" li mbagħad saret "Nazionale" jew "la Stella Vincintrice" u li r-Re Dwardu ta' l-Ingilterra bidlilha isimha f' "King's Own". Ġużeppi ta bidu wkoll għall-Banda "Prince of Wales".

### Il-Mewt tiegħu

Dan il-bniedem kbir fil-qasam mużikali, li sa l-1860 kien jaf idoqq l-istrumenti mużikali kollha minkejja l-iżvantaġġ fid-dawl t'ghajnejh li kellu, u li waqqaf kemm il-banda u għen u għallem, kiber fl-età u spiċċa l-Imgieret, illum San Vincenz De Paule. Kien raġel xiħ u għama u kien iġib ħasra lil kull min kien jarah f'dak l-istat. Difatti huwa miet f'dan l-isptar fil-għomor ta' 84 sena fis-sena 1930. Madankollu, il-mewt tiegħu, kif tkun il-mewt ta' dawk kollha li jkunu taw kontribut twil u siewi f'dan il-qasam u f'oqsma oħrajn ma mewwtitx il- "kult" tiegħu. Talanqas jekk mhux fil-mod dettaljat bijografiku, meta ssemmi "Il-banda ta' Indri" trid jew ma tridx tkun qed tfaħħar Surmast ta' ħila li mingħajr dawl f'għajnejh, imma b'ħafna dawl f'moħħu u qalbu, għex esklussivament għall-mużika li tant tpaxxina fil-festi tagħna.



MAESTRO ĠUŻEPPI BORG


IL-KUMITAT U L-MEMBRI JAWGURAW IL-FESTA IT-TAJBA LILL-BELTIN KOLLHA

FOR GENUINE DRINKS AND FREE APETIZERS CALL AT VALLETTA STARS BAR 28, ST. DOMINIC STREET, VALLETTA